**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 225/19 AGV**

A sive BC

Vs

DC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-16 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti kienu zzewwgu fl-20 ta' Frar, 1991 skond certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat Dok.A) u minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, illum lkoll maggorenni.

2. Illi l-partijiet ilhom isseparati *de jure* ghal aktar minn erba’ snin kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet in atti Nutar Dottor Joseph Debono datat 7 ta’ Novembru, 2002 (anness u mmarkat Dok.B).

3. Illi m’hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ghal diversi snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-ebda manteniment m’hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment.

5. Illi l-esponenti tirrileva illi hija tixtieq tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe’ “E.”

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2.Tawtorizza lill A sive BC  sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha “E.”

3.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat m’opponix ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom isseparati legalment skond kuntratt datat 7 ta' Novembru, 2002 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono. Tikkonferma ukoll li dejjem thallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-20 ta' Frar, 1991 bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**